MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. JACQUELINE PADOVANI

Seduta tad-9 ta' Ottubru, 2003

Numru. 21/2002

**PULIZIJA**
**SPETTUR CARMELO MAGRI**
**VS**
**ALFRED BUGEJA**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat Alfred Bugeja ta’ 44 sena bin Constantino u Helen nee’ Vidal imwieled Pieta’ fit-3 ta’ Dicembru, 1957 u li joqghod fil-fond sitwat fl-Entratura A, Flat 4, Triq il-Ghajn, Valletta, detentur tal-karta ta’ identita’ 828557M, u akkuzat talli b’diversi atti wkoll jekk maghmulin fi zmien differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda, u cioe’ fil-31 ta’ Dicembru, 2001 ghall-habta ta’ 6.45 ta’ filghodu flimkien ma’ persuni mhux maghrufa fi Triq Imsida, Gzira ikkommetta serq ta’ van ta’ ghamla Toyota Light Ace bin-numru ta’ registrazzjoni EAV-342 kontenenti kwantita’ ta’ sigaretti li l-valur taghhom jeccedi

s-sitt elef lira u oggetti ohra ghad-dannu ta’ Francis Falzon minn Birkirkara, liema serq huwa kwalifikat bi vjolenza, bil-mezz u bil-valur li jeccedi l-elf lira Maltin u bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa.

Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi u fil-granet ta’ wara ta’ din id-data volontarjament hassa, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli, u cioe’ l-vettura tal-ghamla Toyota Light Ace bin-numru ta’ registrazzjoni EAV-342 liema hsara tammonta ghal aktar minn hames mitt lira Maltin ghad-dannu tal-istess Francis Falzon.

Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi u bla ordni skond il-Ligi ta’ awtorita’ kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-Ligi taghti setgha lil-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lill-istess Francis Falzon kontra l-volonta’ tieghu.

Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi uza vjolenza sabiex igieghel lill-imsemmi Francis Falzon jaghmel, ihalli jsir jew jonqos milli jaghmel xi haga.

Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kkaguna feriti ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ Francis Falzon skond ma gie ccertifikat minn Dr N Refalo MD tal-isptar San Luqa.

Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi fil-hin li ghamel delitt kontra l-persuna kellu fil-pussess tieghu arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni ta’ arma tan-nar jew imitazzjoni ta’ arma regolari.

Talli f’dawn il-Gzejjer fil-31 ta’ Dicembru, 2001 zamm jew garr jew kellu fil-pussess tieghu arma tan-nar (senter) minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija.

Talli fil-lejl ta’ bejn it-28 u d-29 ta’ Dicembru, 2001 minn Triq il-Marsa, Hamrun ikkommetta serq ta’ vettura ta’ l-ghamla Ford Fiesta bin-numru ta’ registrazzjoni AAD-947 ghad-dannu ta’ Aldo Fenech mill-Hamrun, liema serq huwa kwalifikat bil-mezz, bil-valur li jeccedi l-elf lira, bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa.

Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi u fil-granet ta' wara din id-data ikkommetta serq ta' kwantita' ta' apparat ta' hi-fi ta' ghamla Pioneer u Kenwood mill-istess vettura bin-numru ta' registrazzjoni AAD-947 ghad-dannu ta' Aldo Fenech mill-Hamrun, liema serq huwa kwalifikat bil-mezz, bil-valur li ma jeccedix l-elf lira Maltin u bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa.

Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi u fil-granet ta' wara din id-data volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli, u cioe' vettura tal-ghamla Ford Fiesta bin-numru ta' registrazzjoni AAD-947 ghad-dannu tal-istess Aldo Fenech mill-Hamrun, liema hsara tammonta ghal izjed minn hamsin lira Maltin izda mhux izjed minn hames mitt lira Maltin.

Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement u b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom.

U talli finalment sar ricediv ai termini tal-Artikolu 49 u 50 u 289 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti kollha tal-kaz.

Rat l-artikoli elenkati mill-Avukat Generali, taht liema artikoli din il-Qorti tista' ssib htija fl-imputat.

Rat il-verbal tal-21 ta' Novembru, 2002 li fih l-imputat ma sabx oggezzjoni li jigi gudikat minn din il-Qorti.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

Illi mix-xhieda tal-Prosekuzzjoni, b'mod specjali ghal dak li gie sostnut mix-xhud Francis Falzon (ara xhieda a fol. 26

et sequitu) jirrizulta li sehh hold-up fuq l-istess Francis Falzon illi kien bil-vettura tieghu. Dan Francis Falzon jghid li huwa kien il-Gzira hdejn il-King George, dahal biex jiehu l-ordni minghand l-istess hanut u kif rega' hareg sabiex jaghti l-ordni u x-xoghol lill-istess hanut giet persuna, hatiftu minn ghonqu, tefghatu mal-art, ghamlet is-senter ma' wiccu, din il-persuna bdiet ittih bis-sieq u tghidlu kliem "ha naharqek, ha naharqek". Din il-persuna talbitu c-cwievet tal-karozza u Falzon wiegeb illi dawn kienu qeghdin mal-bieba tal-istess karozza.

Falzon xehed illi din il-persuna ha c-cwievet tal-karozza u hu u diehel fil-van nehha l-maskra li kienet tghammad lil wiccu. Xehed illi huwa kien mal-art u li meta l-persuna nehha l-maskra, Francis Falzon seta' jara wiccu. Francis Falzon jghid illi l-persuna li agredietu kienet l-imputat.

Illi hekk kif telqu l-hallelin bil-karozza Falzon dahal jigri lura fil-hanut sabiex icempel lill-pulizija. Falzon xehed illi bid-daqqiet tas-sieq li qala' mill-persuna mghammda huwa kien garrab griehi f'idejh, fil-fatt idejh kienet miksura.

Xehed illi wara dan huwa mar id-Depot fejn saret ID parade u li huwa gharaf lin-number 6 u number 8. Xehed illi huwa kien ra lill-imputat darba ohra meta kien harab mill-habs ghax rah fuq it-television.

Xehed illi huwa jbiegh is-sigaretti fil-hwienet bil-van Light Ace EAV-342 ta' kulur olive green, u li r-rotta li jiehu hu mhux dejjem l-istess. Pero' qal illi certu hwienet imur kwazi kuljum u l-King George kien wiehed minn dawn. Xehed illi fejn il-hanut King George huwa kien imur ghall-habta tas-sebgha jew is-sebgha u kwart ta' filghodu.

Xehed illi ghall-ewwel huwa ma riedx jikxef l-identita' tal-persuna li wettqet dan il-hold up ghax bezghet, umbaghad hasibha u rega' bdielu u mar jinforma lill-pulizija b'dak kollu li kien jaf.
Ix-xhud Francis Falzon umbaghad ikkonferma ir-ritratti mehuda waqt l-Identification Parade.

A fol. 38 et sequitur l-ispettur Magri xehed illi kien informat illi saret hold up fuq certu Francis Falzon li jbiegh is-sigaretti, liema hold up sehhet vicin il-King George Bar, fil-Gzira. Mill-indagini rrizulta li min wettaq dan il-hold up fil-fatt rikeb fl-istess van ta' Francis Falzon filwaqt li l-halliel l-iehor telaq bi Fiesta blu, u li t-tnejn harbu minn fuq il-post fi Triq Testaferrata.

L-ispettur Magri kompla bl-investigazzjonijiet, u minn hemmhekk sar jaf illi Francis Falzon kien qal man-nies li kien ra l-persuna li ghamlitlu l-hold up. L-ispettur Magri xehed illi fil-fatt matul l-ewwel testimonjanza ta' Francis Falzon huwa kien induna li dan kien pjuttost riluttanti u ghalhekk sussegwentement rega' kellem lill-istess Francis Falzon, u kien fit-tieni investigazzjoni tieghu illi Francis Falzon qal lill-pulizija l-identita' ta' min wettaq din il-hold up.

Qalilhom li kien il-Porporina u kien jaf bl-identita' ta' l-Porporina ghax kien rah fuq it-television meta dan kien harab mill-habs.

L-ispettur Magri xehed illi huwa ghaldaqstant beda biex jinvestiga lill-imputat, u l-imputat ma riedx jemmen illi xi hadd kien qed jghid li gharfu, u li anke fl-istqarrija stqarr jew mignun jew mignuna, u baqa' jinnega bl-aktar mod pocifiku. L-istqarrija giet esebita u markata bhala Dokument CM, waqt li l-ID parade giet esebita u markata bhala Dokument CM1. Ir-ritratti tal-istess ID parade gew esebiti u markati bhala Dokumenti CMX1 sa 13.

Gew esebiti zewg sentenzi, dokument CM16 u CM17, u sentenza ohra CM18.

L-ispettur Magri imbaghad xehed fuq il-proceduri li addottaw meta ghamlu l-ID parade (ara xhieda a fol. 45 u 46). Xehed ukoll anke fuq mistoqsija tal-Qorti, li Francis Falzon ma seta qatt kien f'posizzjoni li jara lill-imputat qabel ma sehhet l-ID parade.

Fuq mistoqsija tad-Difiza l-ispettur Carmelo Magri xehed illi l-imputat kien ghazel li ma jwegibx ghad-domandi li

sarulu fl-istqarrija, pero’ li l-Hadd qabel ma gie mressaq il-Qorti l-istess imputat kien ta d-dettalji ta’ fejn kien matul il-gurnata fejn suppost huwa kien involut f’din il-hold up.

L-ispettur Carmelo Magri xehed illi Alfred Bugeja kien stqarr mieghu hafna affarijiet. Kien qal li mar ghand ohtu, kien stqarr ukoll illi kien jaf il-persuni li kienu wettqu dan il-hold up, illi pero’ ma kienx ser jizvela ebda ismijiet jew aktar informazzjoni.
Gie esebit il-process verbal u gew konfermati l-esperti nominati fl-Inkjesta. Id-diversi esperti ikkonfermaw ir-relazzjoni minnhom ipprezentata.

PS 1114 Saviour Pulo a fol. 130 et sequitur xehed illi huwa kien qed jassisti lill-ispettur Magri fl-investigazzjoni ta’ dan l-incident u li waqt li kien qed jorganizza l-ID Parade, Francis Falzon li kien fl-ufficju infexx jibki u tah x’jifhem li kien jaf l-identita’ tal-persuna li wettaq dan ir-reat.

Huwa kkonferma l-ID parade u r-ritratti maghmula matul dan l-ID parade, u cioe’ CMX1 sa CMX15. Xehed illi Alfred Bugeja l-imputat dejjem innega, anzi semma’ li kien jaf min kienu l-persuni involuti.

PS 1283 Carmelo Costa a fol. 138 et sequitur esebixxa l-okkorrenza fuq serqa ta’ karozza li sehhet fid-29 ta’ Dicembru, 2001, dokument C.

Xehed illi waqt li kien fl-ghassa tal-Imsida dahal rapport minn certu Francis Falzon illi kienet twettqet hold up fuqu ftit hin qabel. Illi huwa ghalhekk nizel ikellem lil Francis Falzon. Esebixxa l-okkorrenza tieghu li qeghda markata bhala Dokument AF a fol. 148 et sequitur.

Aldo Fenech a fol. 149 ikkonferma serqa tal-karozza tieghu, Ford Fiesta, bin-numru AAD-947 ta’ kulur blu, u kif kien gie informat mill-pulizija meta instabet il-karozza. Ta lista ta’ l-oggetti li kien fiha din il-karozza u stima ta’ l-oggetti kollha li kien hemm misruqa.

Anthony Muscat, barman fil-hanut King George, Imsida Road, Gzira ikkonferma li kienet sehhet hold up, illi certu Francis Falzon kien igibilhom is-sigaretti fuq l-ordnijiet taghhom, izda xehed illi huwa ma kienx prezenti waqt illi gara l-incident, u kull ma jaf kien li Falzon dahal ghandu, ha l-ordni, hareg ghalihom, u meta rega' dahal fil-hanut intefghalu mal-art u beda jghajjat "serquni, serquni", u li umbaghad xi hadd waslu sal-Imsida.

Mary Anne Cottage a fol. 161 et sequitu xehedet illi hija kienet niezla lejn il-hanut tar-ragel taghha meta semghet ghajta u ndunat li magenb van kien hemm zewgt irgiel b'wicchom mghammad u ragel mal-art li kienu qed ituh bis-sieq. Rat lil wiehed minnhom b'senter ippuntat jew lejn l-art jew lejn il-persuna li kienet mal-art. Hija bezghet, daret u dahlet go hanut.

Xehdet illi l-persuna li kien bis-senter f'idejh kien daqsxejn twil imma ma setghet taghti ebda deskrizzjoni aktar minn daqshekk.

Brian Galea a fol. 167 et sequitur xehed illi huwa kien xoghol ta' filghodu bhas-soltu, illi ra ragel ma' l-art u zewg persuni sejrin wiehed b'van u wiehed iehor bi Fiesta, li l-persuna li kien mal-art kien qed jghajjat, ra arma f'idejn wiehed minnhom, li l-persuni li hadu sehem f'dan il-hold up kienu mghammdin. Xehed illi l-van Toyota kif ukoll il-Fiesta gibdu lejn Testaferrata Street.

PS 245 xehed illi huwa kien patrol u f'Testaferrata Street sab ID card u driving license ta' persuna. Illi huwa gabarhom u hadhom l-ghassa fejn sar jaf li kienu rapportati mitlufa. Esebixxa l-okkorrenza dokument C.

Francis Falzon riprodott a fol. 176 et sequitur kompla jsostni l-identita' tal-imputat. Ikkonferma li matul l-ewwel stqarrija u anke fix-xhieda li huwa ta quddiem Dr Sladden, huwa kien ghadu ma kixifx l-identita' ta' l-imputat.

PS 644 Ivan Camilleri a fol. 182 flimkien ma' PS 612 Theo Vella ikkonfermaw ir-relazzjoni taghhom, Dokument TV. PS 46 Charlo Casha u PC 1147 Antoine Fenech

ikkonfermaw ir-relazzjoni taghhom Dokument CC a fol. 196 et sequitu. PS 215 Maurice Schembri xehed illi ma hemmx licenzji ta’ armi fuq il-persuna ta’ Alfred Bugeja.

Spettur Stephen Gatt a fol. 210 et sequitur xehed illi huwa kien gie nformat fuq il-hold up illi sehh fuq Francis Falzon, fuq il-vettura tieghu EAV-342 tal-marka Toyota f’Imsida Street, Ta’ Xbiex minn zewgt irgiel armati li hadulu l-van bis-sigaretti b’kollox. Xehed illi dak il-hin Francis Falzon kien qal lill-pulizija li ma kien jissuspetta f’hadd. Xehed illi l-pulizija kellha informazzjoni li kien hemm karozza ohra involuta f’dan il-hold up u cioe’ Ford Fiesta u li din instabet abbandunata fil-Mosta, b’diversi stereos neqsin u l-wires imbaghbsin. Il-vettura Ford Fiesta kellha n-numru ta’ registrazzjoni AAV-947 u licenzjata taht Mark Fenech mill-Hamrun. Dan Fenech kien irraporta s-serq ta’ din il-karozza fid-29 ta’ Dicembru, 2001.

Fit-3 ta’ Jannar, 2002 il-pulizija tat-Taqsima tal-Mobile kienu sabu l-van Toyota ta’ Francis Falzon abbandunat fl-akkwati tal-fabbrika ta’ Hal-Mann, f’H’Attard. F’din il-karozza instabu wkoll zewg hubcups tal-Ford Fiesta. Xehed illi nformaw lill-Magistrat tal-Ghassa b’dana kollu, liema Magistrat hatar diversi esperti.

Spettur Angelo Caruana a fol. 218 et sequitur xehed illi s-Supretendent Calleja fit-2 ta’ Frar, 2002 kellu nformazzjoni kunfidenzjali li certu Alan Magro ta’ sbatax –il sena minn H’Attard seta’ kien wiehed mill-persuni li hadu sehem f’dan il-hold up u li kien gie mitlub jinvestiga.

Illi ghaldaqstant l-ispettur Caruana arresta lil Alan Magro li rrilaxxja stqarrija li fiha ammetta li huwa kien involut f’dan il-hold up. Ta deskrizzjoni dettaljata ta’ kif gie mwettaq u ma’ min kien ghamlu, u cioe’ certu Stephen Spiteri mill-Gzira u Mark Dimech minn Birkirkara.
Il-pulizija umbaghad investiga lil Mark Dimech u ghalkemm dan ghall-ewwel ma riedx jitkellem, kien gie rinfaccat bl-informazzjoni kollha li kellha a disposizzjoni taghha il-Prosekuzzjoni, dana rrilaxxja stqarrija fejn ukoll ammetta li kien involut f’dan il-hold up li huwa wettaq ma’ Alan Magro u Stephen Spiteri.

Mark Dimech stqarr meta gie mistoqsi fuq l-imputat Alfred Bugeja illi dan kien zijuh. Xehed illi dan il-hold up kienu wettquh huma u li Alfred Bugeja ma kellux sehem f'dan il-hold up. Xehed ukoll li hu sar jaf bl-informazzjoni rigward dan il-van tas-sigaretti minn Alfred. Li izda Alfred Bugeja ma kellu ebda sehem f'dan il-hold up.

Gie nvestigat ukoll Stephen Spiteri u dan ukoll ammetta u rrilaxxja stqarrija dettaljata fejn ikkollabora l-verzjonijiet kemm ta' Alan Magro kif ukoll ta' Mark Dimech.

Ikkunsidrat:

Illi mill-fatturi kollha esposti u migjuba a konjizzjoni ta' din il-Qorti, ma jirrizultax provi bizzejjed biex tinstab htija fl-imputat, minhabba l-investigazzjonijiet ulterjuri u l-informazzjoni li l-pulizija kellha mill-istqarrijiet ta' Alan Magro, Mark Dimech u Stephen Spiteri li ammettew pienament l-involviment taghhom u eskludew lill-imputat.

Illi in vista ta' dan kollu din il-Qorti m'ghandhiex alternattiva ghal hlief li ssib lill-imputat mhux hati skond l-akkuza, u tilliberah.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------